# Jitqaddes Ismek

Novembru 2010 ; Harga nru 10

# EDITORJAL

### MISTOQSIJA GĦALINA LKOLL

***"Ma nafx x'jien nagħmel;***
***naf li mhux dak li jrid nagħmel izda dak li nobgħod" (Rum. 7:15)***

It-tfal fid-dinja ta' sejbiet, ta' tagħrif, ta' ġrajjiet moħbija u fatti dejjem ġodda, iżommulhom għajnejhom miftuħa beraħ u l-immaġinazzjoni tiġri bihom. Xi drabi dak li jsibu u jisimgħu mhux dejjem ikun tajjeb. M'ilhux smajt lil Susan, titkellem ma' bintna, Melissa ta' 6 snin. Din semgħet lil xi ħadd minn sħabha jitkellem fuq id-drogi u staqsiet x'inhuma.

Susan, b'għaqal u dehen kbir, spjegatilha kif xi drogi jistgħu jkunu ta' għajnuna, bħalma huma l-asperina għall-uġiegħ ta' ras u l-peneċillin biex iwaqqaf x'infezzjoni. Imbagħad urietha li hemm drogi oħra li jistgħu jkunu ta' ħsara. Din it-tieni tweġba ma għamlitx sens għal Melissa, tant hu hekk li staqsiet, ***"Għaliex xi whud jieħdu dak li jagħmlilhom ħsara?"***

Minn fomm tifla ta' sitt snin ħarġet din il-mistoqsija għalina lkoll. Għaliex nagħmlu għazliet li jġibuna fl-inkwiet? Għaliex nagħmlu affarijiet meta nafu li ma għandniex nagħmluhom?

San Pawl tqabad qatigħ ma' din il-mistoqsija. Huwa ssielet il-gwerra ġewwiena bejn it-tajjeb u l-ħazin u għaraf li din tibqa' sejra sal-mewt. (Rum. 7.14:25)

Iva, din it-taqbida tibqa' sejra, izda ma għandniex nitilfu kull tama. Jekk aħna li għandna bzonn tal-għajnuna ta' l-Ispirtu s-Santu u nippruvaw nagħmlu r-rieda ta' Alla (Gal. 5:16) ibqgħu zguri li nagħmlu rebħa fuq rebħa fit-taqbida li għandna kontra l-ħazen, fina u madwarna. ***Aħsbu aktar fil-qawwa ta' Kristu fikom milli fuq is-setgħa li għandu d-dnub fuqkom.***

**P. Samwel Abela O.Carm**
**Editur**


**Komunita tal-Isem Imqaddes t'Alla**
**Indirizz ta' l-ufficcju:**
**10, Triq Mattew Callus, Mosta.**
Tel.: 99453484.

*President:* **Giovanni Chetcuti**
*Editur:* **P. Samwel Abela O. Carm.**


## Werrej:


| | |
|---|---|
| Editorjal | : Pagna 1 |
| Ghal zwieg b'sahhtu | : Pagna 2 |
| Ahbarijiet u Birthdays | : Pagna 2 |
| Attivitajiet | : Pagna 3 |
| Programm | : Pagna 4 |

# GĦAL ZWIEĠ B'SAĦĦTU

***Waħda bdiet tgerger u tgħid li zewġha jistmaha bħallikieku li hi xi biċċa għamara. Importanti li jsib l-ikel lest, ħwejġu nodfa u d-dar ordnata, il-bqija qatt kelma ta' nkorraġġiment jew kumpliment zgħir.***

Hawn bosta nisa li qed jgħaddu ħajjithom f'din il-mizerja. Mill-bidu taz-zwieġ wieħed irid isib mod kif ***izomm iz-zwieġ b'saħħtu.*** Kif? Li l-koppja ssib ħin għal xulxin, ħin ta' kwalità. Ngħidu aħna darba fix-xaħar joħorġu flimkien u jsibu min joqgħod mat-tfal. Bizzejjed imorru jaraw *film* jew jieklu barra.

Jagħmlu sorprizi zgħar lil xulxin b'xi rigal ċkejken. Jekk ir-raġel ikun sejjer tajjeb ix-xogħol u jaqla' l-prosit, tifraħlu u ssajjarlu xi ħaġa li jħobb hu. Dak li jkun jgħid prosit tal-ikel, ta' xi ħaġa ġdida li saret fid-dar. Ir-raġel għandu jagħti kas u jgħid xi ħaġa li biha juri rikonoxxenza, gratitudni.

Biex ngħidu kollox, hawn nisa li ħaqqhom tbezbiza wkoll, għax bosta drabi jkunu huma li jbiegħdu lil zwieġhom minnhom, bin-nuqqas ta' gratitudni, jew kelma ta' nkoraġġiment f'waqtha. B'ħafna kliem zejjed jew jgħajtu ma' zwieġhom quddiem in-nies, ma jagħmilx kuraġġ lir-raġel biex joqgħod fil-kumpanija ta' martu.

Jekk tħoss li hemm problema, mhux izzommha fik, tagħmel il-geddum u tistenna li dak li jkun jistaqsik x'għandek, biex titkellem. Imma sib ħin u burdata tajba ta' zewġek jew ta' martek biex titkellem fuq il-problema li jkollok.

Bosta koppji għall-grazzja ta'Alla zammew iz-zwieġ tagħhom b'saħħtu għax dejjem baqgħu jesperimentaw l-aħjar modi biex jersqu lejn xulxin u jkabbru fihom imħabbithom lejn xulxin.

Fl-aħħar u mhux l-inqas, il-koppja tiftakar li jekk jitolbu flimkien, jibqgħu flimkien. Tridu li l-familja tagħkom tibqa' magħquda? Għidu r-Ruzarju. L-appostlu tar-Ruzarju, ***Fr. Peyton*** jsemmi zewġ grazzji oħra għal min jgħid ir-Rużarju: ***Għaqda fil-Familja u l-Paċi fil-Familja. Dinja li titlob, hi dinja fil-Paċi!***

***Leħen is-Sewwa***
***28 ta' Marzu'09***

## Ahbarijiet mill-President Giovanni Chetcuti

Matul ix-xahar ta' Ottubru ergajna ltaqjna fl-ewwel Hamis tax-xahar, fejn kellna Ruzarju quddiem Gesu Espost u Quddiesa fil-knisja Arcipretali. Fit-tielet gimgha tax-xahar kellna Celebrazzjoni Marjana u quddiesa fil-kappella tal-oratorju Qalb ta' Gesu. Matul din il-laqgha kellna ruzarju meditat, bil-kant u bl-Aux Flambeaux u wara quddiesa bi hsieb spiritwali minn P. Samwel Abela. Bhala attivitajiet socjali, ergajna bdejna l-attivitajiet tax-xitwa fejn kellna Afternoon Tea & Tombla fis-Sala ta' Pembroke u iehor fl-Angelos Rest., Bugibba.
Matul il-gimghat li gejjin se nibdew nigbru il-membership ghas-sena 2011. Il-hlas se jkun ta' €3.50 u dan isir biex nghinu biex jittaffew ftit mill-ispejjez li l-Komunita jkollha.

## Awguri f'Gheluq sninhom Novembru

Bertha Muscat, Victoria Chetcuti, Mariella Chetcuti, Lela Camilleri, Gina Cassar, Tereza Mallia, Jane Said, Mary Anne Vassallo, Catherine Cortis, Katie Vella, Catherine Bezzina, Vittoria Ciappara, Nina Borg, Helen Grech, Grace Sammut, Helen Demicoli, Marisa Demanuele, Francis Zarb, Charlene Gatt, Antonia Galea, Maria Debono, Rita Schembri, Mary Arpa, Joseph Calleja, Tessie Pisani, Marthese Camilleri, Frances Baldacchino, Mary Camilleri, Mary Parnis, Helen Caruana, Rose Micallef, Carmen Muscat.

# Quddiesa u Adorazzjoni

Il-Hamis 4 ta' Novembru 2010
Fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta
Fis-6:30p.m.

**Inheggu lil kull min jista biex jattendi. Waqt l-Adorazzjoni tinghad it-Talba ta' Tpattija ghad-Dagha**

---

# LAQGHA TA' TALB U QUDDIESA B'TALB GHALL-ERWIEH

L-Gimgha 5 ta' Novembru 2010
Fl-Oratorju Qalb ta' Gesu, Mosta
Fis-6:00p.m.

* Laqgha ta' Talb, Ruzarju u Quddiesa b'talb għall-erwieħ
* Niehdu kafe flimkien u nispiccaw fit-7:45p.m.

**Trasport:**

| | |
|---|---|
| 5:00p.m. | Minn Hal Kirkop, Mellieha |
| 5:15p.m. | Minn Fleur-de-lys, San Pawl, San Giljan, Gharghur, B'Kara |
| 5:45p.m. | Minn Naxxar |

---

# Tombla u Ikla ta' San Martin

**Il-Gimgha 12 ta' Novembru 2010**
**F'Ta Soldi Rest., Mgarr**
**Nibdew fis-6:45p.m.**
**€14 Kbar ; €7 Tfal**

**Programm :**

| | |
|---|---|
| 6:45p.m. | Tombla u se jkollna platt bl-arjoli, zebbug, galletti u hobz biz-zejt. |
| 8 :00p.m. | Ikel – Laham jew Hut jew Tigieg jew Fenek, Luminata u Dezerta |
| 9 :30p.m. | Inkomplu bit-tombla, b'hafna rigali x'jintrebhu u jkollna r-raffles |
| 11 :00p.m. | Tmiem |

**JINGHATA RIGAL LIL KULL MIN JATTENDI**

**Trasport**

| | |
|---|---|
| **05:15p.m.** | Tluq mill-Mellieha, Hal Kirkop u mill-Pjazza tal-Gharghur |
| **05:30p.m.** | Tluq minn San Pawl, Fleur-de-lys, minn B'Kara, mill-Imsida u mill-pjazza tan-Naxxar |
| **05:45p.m.** | Tluq mill-R & G Ironmongery, mill-Oratorju, minn hdejn Margaret u minn San Giljan. |
| **06:00p.m.** | Trasport mill-pjazza tal-Mosta |
| **11:00p.m.** | Tmiem ta' l-attivita u trasport lura d-dar |

# JUM TA' TALB FLIMKIEN GHAL ZMIEN L-AVVENT

Il-Hadd 28 ta' Novembru 2010,
Porziucola Hse Bahar ic-Caghaq
Fid-9:00a.m. tluq tat-trasport mill-lokalitajiet kollha fit-8:00a.m.
Prezz:€15.

**Ikollna Quddiesa, laqghat ta' taghlim, Hin ghat-talb u ikla f'nofsinhar.**
*Nispiccaw dan il-jum fl-4:30p.m.*

---

# GURNATA FLIMKIEN

L-Hamis 2 ta' Dicembru 2010.
Palm Valley Rest., M'Scala
9:00a.m.- ara t-trasport
€14 li jinkludi t-Trasport, Te u Kafe, Pastizzi, Cake, Ghazla bejn Laham, Tigieg, jew Hut, Dezerta u rigali x'jintrebhu.

**Ikollna:**

~ Quddiesa flimkien ~
~ Tombla u Raffles b' rigali ~
~ Ikla f'Nofsinhar, Te jew Kafe Pastizzi u kejk ~
~ Ruzarju flimkien ~
~Trasport minn kull Lokalita ~

**TRASPORT:**

08:30a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Gharghur, Naxxar u mill-Mellieha
08:45a.m. Tluq mill-R&G Iron., mill-Oratorju, minn hdejn Margaret, minn B'Kara, minn San Giljan u minn San Pawl .
09:00a.m. Tluq mill-Pjazza tal-Mosta, mill-Msida u Hal Kirkop
05:30p.m. Tmiem

---

# Quddiesa u Adorazzjoni

Il-Hamis 9 ta' Dicembru 2010
Fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta
Fis-6:30p.m.

**Inheggu lil kull min jista biex jattendi. Waqt l-Adorazzjoni tinghad it-Talba ta' Tpattija ghad-Dagha**

---

GHALL-BILJETTI JEW DETTALJI CEMPEL:
**Mosta:** Margaret 21410683 ; Carmena 21432074; Kanen **Naxxar** 21411864; Louise **Fleur de lys** 21491676; Guza **B'Kara** 21488822 Carmen **B'Kara** 21448710; Maria **San Pawl** 21571048; Doris **Gharghur** 27431029;Mary **San Giljan** 21359747; Carmen **Marsa** 21232071; Esther **Mellieha** 21520014; Censina **Hal Kirkop** 79433478.

# Programm ta' Novembru

## ATTIVITAJIET RELIGJUZI

**Il-Hamis 4 ta' Novembru 2010**
6:30p.m. Quddiesa u Adorazzjoni, fil-Knisja Arcipretali tal-Mosta. Wara l-Adorazzjoni tinghad it-talba ta' tpattija ghad-Dagha.

**L-Gimgha 5 ta' Novembru 2010**
6:00p.m. Laqgha ta' Talb u Quddiesa b'talb ghal Erwieh.
Fl-Oratorju Qalb ta' Gesu.

Ikollna:

* Laqgha ta' Talb, Ruzarju u Quddiesa b'talb għall-erwieħ
* Niehdu kafe flimkien u nispiccaw fit-7:45p.m.

Dettalji f'pagna 3.

## ATTIVITAJIET SOCJALI

**L-Gimgha 12 ta' Novembru 2010**
Tombla u Ikla ta' San Martin
F'Ta' Soldi Rest., Mgarr
Dettalji f'pagna 3.

**Mill-Gimgha 19 sal-Hadd 21 ta' Novembru 2010**
Weekend Break,
fis-Solana Hotel, Mellieha.